MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 1516/2010

**Mobisle Communications Ltd – C24655**

**vs**

**Alberto Decelis – ID229358-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija u hmistax-il ewro u tmintax-il centezmu (€515.18c) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma’ servizz telefoniku cellulari kont numru 1019787 moghti mis-socjeta` attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u kontrarjament ghal dak li ssostni s-socjeta` attrici l-konvenut jichad li huwa ghandu xi pendenza relatata mas-servizz ta' telekomunikazzjoni u dan *stante* li l-konvenut ma ghandux tali servizz fir-residenza tieghu.

Illi dejjem minghajr pregudizzju s-socjeta` attrici trid tipprova li s-servizz ta' telekomunikazzjoni kien effettivament rez lill-konvenut. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

It-Tribunal sema' ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici.

Ra d-dokumenti pprezentati minn l-istess rapprezentant tas-socjeta` attrici.

It-Tribunal ra n-nota tal-konvenut datata 30 ta' Awwissu 2012 li permezz taghha gew ammessi t-talbiet tas-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hmistax-il ewro u tmintax-il centezmu (€515.18c) bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------